MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2004

Il-Pulizija
(Sp Paul Bond)
vs
Emanuel Sammut, iben Nazzareno,
imwieled San Pawl il-Baħar fis-16
ta' ġunju, 1951

Il-Qorti,

Rat l-akkuża kontra l-imputat –

1. talli bejn id-19 ta' lulju, 1999 u il-25 ta' ottubru, 2002 bħala detentur tal-fond numru 6, 'Ardeer', Triq Salvu Barbara, Mosta b'diversi azzjonijiet magħmulin minnu, fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku u cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond;

2. talli b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-użu jew il-konsum elettriku, jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata kkometta serq tal-kurrent elettriku tal-valur ta' Lm415.48 liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' marzu, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 264, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 326(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni. Rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' Lm415.48 lill-Korporazzjoni Enemalta fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------